**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

27 ta' Frar, 2022

# IR-RANDAN

Ir-Randan huwa żmien ta' tħejjija biex ikollna ħsibijiet ġodda u stili ġodda ta' ħajja.

Don Tonino Bello, Isqof Taljan li miet ta' età żgħira, kien jgħid li: "ir-Randan nibdewh nitħammġu bl-irmied u nispiċċawh billi naħslu saqajna".

Ir-Randan huwa 40 jum ta' mixja biex naslu għal xi ħaġa ġdida fil-ħajja. Fil-Bibbja n-numru 40 jidher bosta drabi:




Id-dulluvju: 40 jum ta' xita li jagħlaq bil-patt li sar bejn Alla u Noè.

Mosè: dan kien imsejjaħ mill-Mulej biex imexxi lill-poplu Lhudi għal 40 sena fid-deżert.

Is-Sinaj: Mosè dam 40 jum fuq il-muntanja fejn irċieva l-Kmandamenti.

Preżentazzjoni fit-tempju: Marija ppreżentat lil binha fit-tempju 40 jum wara li kien twieled Ġesù.

Kristu jqum wara 40 siegħa fil-qabar. Għal 40 jum jidher lill-Appostli qabel l-Axxensjoni.

Issa jmiss lilna biex nagħmlu 40 jum li jwassluna għall-Qawmien.

***L-Arċipriet***

**EŻAMI TAL-KUXJENZA**

Bħalissa qegħdin f'din il-fażi fil-mixja tal-Pjan Pastorali; fejn qabel ma nidħlu fir-Randan ħafna mill-membri tal-gruppi u għaqdiet ta' kull parroċċa ltaqgħu flimkien u ddiskutew xi domandi ssuġġeriti mid-Djoċesi biex l-ewwel nett wieħed jeżamina lilu nnifsu u fl-istess ħin din l-informazzjoni ser tiġi meħuda f'kunsiderazzjoni fis-Sinodu tal-Isqfijiet li għaddej bħalissa. Għalhekk **fit-3 ta' Marzu, 2022** ser ikollna preżenti magħna lill-Isqof Anton Teuma f'Assemblea li għaliha l-membri tal-gruppi u l-għaqdiet kollha huma mistiedna. F'din l-Assemblea ser jinqraw dawk is-suġġerimenti li ħarġu f'dawn il-laqgħat.

**Din ser issir fil-knisja tal-parroċċa u tibda fis-7:00pm.**

**GĦOTI TAD-DEMM:** Is-Servizz jixtieq javża li minħabba ċirkostanzi li m'għandux kontroll fuqhom is-sessjoni ta' għoti ta' demm skedata għall-Ħadd 27 ta' Frar ser tiġi posposta għall-Ħadd ta' wara. Għaldaqstant is-sessjoni li jmiss ta' għoti tad-demm f'Għawdex ser tkun il-Ħadd 6 ta' Marzu mit-8:00am sas-1:00pm, segwita minn sessjoni oħra jumejn wara, it-Tlieta 8 ta' Marzu mis-1:00pm sal-5:00pm.



Bħal dejjem, il-koperazzjoni u l-ġenerożità tagħkom huma ferm apprezzati.

## AVVIŻI:

**L-AZZJONI KATTOLIKA FERGĦA NISA TAL-PARROĊĊA:** se torganizza rtir għan-nisa nhar il-Ħamis 3 ta' Marzu fis-Sala Parrokkjali fi Triq Xandriku, mid-9:00am sa nofsinhar. F'dan il-bidu tar-Randan inħeġġukom tattendu.

**IS-SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Tkun wara l-quddiesa tal-5:00pm. Ilkoll mistednin biex nieħdu sehem f'din l-ewwel Adorazzjoni tar-Randan.

**IL-LEĠJUN TA' MARIJA:** se jorganizza siegħa Adorazzjoni fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù nhar is-Sibt 5 ta' Marzu fit-8:15am. Kulħadd hu mistieden.

**QASSATAT GĦALL-BEJGĦ:** miċ-Ċentru taż-Żgħażagħ nhar is-Sibt 5 ta' Marzu bejn il-5:00pm u s-7:30pm u nhar il-Ħadd 6 ta' Marzu mit-8:30 sa nofsinhar.

**L-GĦAQDA ARMAR DIĊEMBRU 13:** se torganizza ikla country music night bis-sehem ta' Marisa d'Amato nhar is-Sibt 4 ta' Marzu fis-Sala Parrokkjali. Biljetti jinkisbu mingħand il-membri tal-kumitat jew ċemplu fuq 99101957. Narawkom.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA:** javża li reġgħu bdew it-tombli ta' nhar ta' Ħadd fil-Każin. Jibdew fis-7:00pm. Trasport provdut.

**L-OBOLO TA' SAN PIETRU:** il-ġabra għall-karitajiet li jagħmel il-Papa, kienet ta' €780. Nirringrazzjaw lil kull min ta sehmu.

## ENGLISH CORNER

"Why do you notice the splinter in your brother's eye.
But do not perceive the wooden beam in your own?
You hypocrite! Remove the wooden beam from your eye first;
Then you will see clearly to remove the splinter in your brother's eye."

Isn't it easier to find faults in others? So, before you find faults in someone else, you should look at yourself first in the mirror and fix your own mistakes as you are not perfect either! So always think twice before making any accusations, have you cleaned your backyard? We must strive to be good Christians by leading others.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am